

Brussell, 14 ta' Jannar 2025
(OR. en)

17055/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0327(NLE)

ECOFIN 1524
FIN 1138
UEM 489
CADREFIN 226

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara li l-Greċja ppreżentat il-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP - recovery and resilience plan”) tagħha fis-27 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill biex jagħtih valutazzjoni pożittiva. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”)². Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata mid-deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Diċembru 2023 u tas-16 ta’ Lulju 2024³.
- (2) Fil-21 ta’ Ottubru 2024, il-Greċja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 tiġi emendata f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista’ jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta’ dan, il-Greċja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi għall-RRP ppreżentati mill-Greċja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 24 miżura.

² Ara d-dokumenti ST 10152/21 u ST 10152/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 15831/23, ST 15831/23 ADD 1, ST 11858/24 u ST 11858/24 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Il-Greċja spjegat li l-istadju importanti 33 u l-mira 36 tal-miżura 16874 (Enerġija u intraprenditorija) taħt il-komponent 1.2 (Rinnovazzjoni), kif ukoll rekwiżiti stipulati fid-deskrizzjoni ta' dik il-miżura, ma għadhomx jistgħu jinkisbu għalkollox minħabba nuqqas ta' domanda. Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-istadju importanti u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dik l-mira jitnaqqsu. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (5) Il-Greċja spjegat li l-istadju importanti 38 tal-miżura 16873 (Interventi f'żoni residenzjali u fl-istokk tal-bini) taħt il-komponent 1.2 (Rinnovazzjoni) ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba kwistjonijiet legali imprevisi b'subproġett wieħed. Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-istadju importanti jitnaqqas. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (6) Il-Greċja spjegat li ġew emendati erba' miżuri biex jimplimentaw alternattivi aħjar biex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna d-deskrizzjoni, l-istadju importanti 142a u l-istadju importanti ġdid 142b tal-miżura 16746 (Riforma tal-Politiki Passivi tas-Suq tax-Xogħol biex jiġu appoġġati Tranżizzjonijiet għall-Impjiegi) taħt il-komponent 3.1 (Promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi u l-parteeċipazzjoni fis-suq tax-xogħol); l-istadju importanti 146 tal-miżura 16792 (Il-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol permezz ta' mudell ta' taħriġ riformat) taħt il-komponent 3.2 (L-educazzjoni, l-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-ħiliet); id-deskrizzjoni u l-mira 162 tal-miżura 16820 (Riforma fl-oqsma tas-saħħa mentali u tad-dipendenzi) taħt il-komponent 3.3 (Titjib tar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa); u d-deskrizzjoni u l-miri 326, 326a, 327, 327a, 328, 328a, 329 u 330 tal-miżura 16980 (Faċilità ta' Self) taħt il-komponent 4.7 (Titjib tal-kompetittività u promozzjoni tal-investimenti privati u l-esportazzjonijiet). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li l-istadji importanti, il-miri u l-miżuri msemmija hawn fuq jiġu emendati. B'mod speċifiku, il-Greċja pproponiet li żżid stadju importanti ġdid 142b li jissostitwixxi parti mill-istadju importanti 142a tal-miżura 16746, sabiex jitqiesu r-risultati ta' studju li se jsir fil-futur. Barra minn hekk, il-Greċja pproponiet li tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura 16820. Barra minn hekk, il-Greċja pproponiet li tbiddel parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-istadju importanti 146 tal-miżura 16792, li jista' jitwettaq aħjar permezz ta' mezzi oħra. Flimkien ma' dan, il-Greċja pproponiet li tirrevedi l-miri 326, 326a, 327, 327a, 328, 328a, 329 u 330 tal-miżura 16980 sabiex tiffinanzja prijoritajiet nazzjonali kritiċi ġodda. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (7) Il-Greċja spjegat li ġew emendati 11-il miżura sabiex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu t-tnaqqis tal-piż amministrattiv filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jirrigwardja l-istadji importanti 147, 150 u 151 tal-miżura 16289 (Strateġija għall-Eċċellenza fl-Universitajiet & Innovazzjoni) taħt il-komponent 3.2 (L-edukazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-ħiliet); id-deskrizzjoni u l-istadju importanti 12 tal-miżura 16901 (Titjib tan-network tal-Operatur tan-Network tad-Distribuzzjoni tal-Elettriku Elleniku (HEDNO) bl-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza u jiġi protett l-ambjent), l-istadju importanti 13 tal-miżura 16900 (Titjib tan-network fl-għoli tal-Operatur tan-Network tad-Distribuzzjoni tal-Elettriku Elleniku (HEDNO) fiż-żoni tal-foresti), u d-deskrizzjoni u l-istadju importanti 14 tal-miżura 16899 (Żieda fil-kapaċità installata fis-substazzjonijiet Vultaġġ Għoli/Vultaġġ Medju tal-Operatur tan-Network tad-Distribuzzjoni tal-Elettriku Elleniku (HEDNO) għal konnessjoni RES ġdida) taħt il-komponent 1.1 (Power up); id-deskrizzjoni u l-miri 23, 24, 25 u 26 tal-miżura 16872 (Rinnovazzjoni tal-enerġija fuq bini residenzjali) u d-deskrizzjoni, l-istadju importanti 28 u l-mira 29 tal-miżura 16879 (Tħejjija ta' Pjanijiet Urbani fl-implimentazzjoni tar-riforma tal-politika urbana) taħt il-komponent 1.2 (Rinnovazzjoni); id-deskrizzjoni tal-miżura 16831 (Produc-E Green) taħt il-komponent 1.3 (Iċċarġjar u riforniment); id-deskrizzjoni tal-miżura 16911 (Mezzi tal-ajru għall-ġestjoni tal-kriżijiet) taħt il-komponent 1.4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u l-protezzjoni ambjentali);

l-istadju importanti 337 tal-miżura 16985 (Modifiki għall-qafas tal-politika tat-taxxa tal-Greċja) taħt il-komponent 4.1 (Nagħmlu t-taxxi aktar favorevoli għat-tkabbir u ntejbu l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa); u d-deskrizzjoni u l-istadji importanti 303 u 308 tal-miżura 16593 (Emenda tal-qafas legali għall-attrazzjoni ta' investiment strateġiku) u l-istadju importanti 279 tal-miżura 16486 (Mużew ta' antikitajiet ta' taħt l-ilma) taħt il-komponent 4.6 (Modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza tas-setturi ekonomiċi ewlenin). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li t-test tal-istadji importanti jiġi ċċarat u ssimplifikat sabiex tneħħi informazzjoni ta' sfond mhux meħtieġa jew elementi proċedurali li ma jikkontribwixxux għall-kisba tal-oġġettivi tal-miżuri, u li jiġi ċċarat li ċerti elementi huma relatati mal-oġġettivi jew mal-kuntest tal-miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (8) Il-Greċja talbet ukoll li tuża r-riżorsi lliberati mit-tnaqqis tal-miżura 16980 (Faċilità ta' Self) taħt il-komponent 4.7 (Titjib tal-kompetittività u promozzjoni tal-investimenti privati u l-esportazzjonijiet), skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, biex jiżdedu tliet miżuri ġodda. Dan jikkonċerna l-istadji importanti ġodda 378, 379, 380, u 381 taħt il-miżura 16400 (Programm ta' Akkomodazzjoni Affordabbli "MY HOME II") taħt il-komponent 3.4 (Żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi); u l-istadji importanti ġodda 374, 375, 376, u 377 taħt il-miżura 16401 (Programm ta' Aġġornament tal-Enerġija "UPGRADE MY HOME") taħt il-komponent 1.2 (Rinnovazzjoni). Żdiedet riforma komplementari bl-introduzzjoni tal-istadji importanti ġodda 181 u 181a taħt il-miżura 16402 (Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli) taħt il-komponent 3.4 (Żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi). Barra minn hekk, il-Greċja talbet li l-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa ta' erba' miżuri jiżded. Dan jikkonċerna d-deskrizzjoni u l-miri 163, 164 u 164a tal-miżura 16756 (Riformi Organizzazzjonali fis-Sistema tas-Saħħa) taħt il-komponent 3.3 (Titjib tar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa); id-deskrizzjoni u l-istadji importanti 62a u 63 tal-miżura 16849 (Pjan Nazzjonali ta' Reforestazzjoni "antiNERO") taħt il-komponent 1.4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); id-deskrizzjoni, l-istadju importanti 367 u l-mira 369 tal-miżura 16994 (Effiċjenza Enerġetika u promozzjoni tar-RES għall-awtokonsum) taħt il-komponent 5.2 (Investimenti tar-REPowerEU); u l-istadju importanti 59a tal-miżura 16772 (Liġi dwar il-ġestjoni tal-iskart għall-implimentazzjoni ta' rimi fil-miżbliet u r-riċiklaġġ sostenibbli) taħt il-komponent 1.4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (9) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet li ressqet il-Greċja jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (10) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi modifikata biex jitqiesu l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Greċja.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (11) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 38,0 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 81,6 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (13) L-RRP emendat iżomm miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri tal-2030-2050 u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050, kif ukoll għat-trawwim tal-bijodiversità. Pereżempju, l-ambizzjoni tal-miżura ta' rifořestazzjoni u restawr (16849) żdiedet b'mod konsiderevoli fl-RRP emendat.
- (14) Minbarra l-miżuri fl-RRP oriġinali, il-miżuri fil-kapitolu REPowerEU tal-Greċja jnaqqsu b'mod konsiderevoli l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata fil-Greċja u jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri għall-2030-2050 u l-oġġettiv tal-Unjoni tan-newtralità klimatika sal-2050, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod pożittiv għat-tranżizzjoni ekoloġika. Ir-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU għandhom l-għan li jinċentivaw miżuri għall-iffrankar tal-enerġija, jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija u jaċċelleraw l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż l-istabbiliment ta' għodod ta' politika li jippromwovu l-kondiviżjoni tal-enerġija, l-awtokonsum kollettiv u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, il-miżuri tar-REPowerEU jkopru investimenti li għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tal-ħżin tal-elettriku u riforma biex jippromwovu teknoloġiji u prattiki tal-grilji intelliġenti fis-suq tal-elettriku tal-Greċja. Dawk il-miżuri kollha jikkontribwixxu b'mod pożittiv għat-tranżizzjoni ekoloġika fil-Greċja billi jnaqqsu d-domanda għall-enerġija, jippromwovu l-effiċjenza enerġetika u jaċċelleraw it-tranżizzjoni minn sorsi tal-enerġija b'emissjonijiet għoljin għal sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 21,4 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (16) Il-miżuri fl-RRP emendat ikomplu jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew jgħinu jindirizzaw l-isfidi relatati u jindirizzaw b'mod pożittiv in-nuqqasijiet tal-Greċja fil-qasam diġitali kif identifikati fit-tieni r-rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali. L-RRP emendat ikompli jindirizza b'mod sinifikanti l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali li qed tiffaċċja l-Greċja fl-oqsma tal-konnettività, fis-servizzi pubbliċi diġitali, fil-kapital uman u l-ħiliet diġitali, fid-diġitalizzazzjoni tan-negozji u fl-adozzjoni ta' teknoloġija diġitali avvanzata.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u ta' proġetti tal-investimenti inklużi f'dak l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fit-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (18) L-RRP emendat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika mogħtija fl-Avviż tal-Kummissjoni bit-titlu “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”⁵.
- (19) Il-Greċja ppreżentat valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għal kull miżura ġdida u riveduta b'mod sostanzjali tal-RRP emendat. L-informazzjoni pprovduta turi li l-RRP mistenni jiżgura l-konformità ma' dak il-prinċipju. L-informazzjoni mogħtija mill-Greċja tagħmilha possibbli li jiġi konkluż li l-RRP mistenni jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L, 198, 22.6.2020, p. 13, ELI <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj>).

⁵ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

Kostijiet

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (21) Il-ġustifikazzjoni li tat il-Greċja dwar l-ammont tal-kostijiet stmati tal-RRP kienet moderatament raġonevoli, plawżibbli u konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza. Il-Greċja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-kostijiet stmati ma kinux koperti mill-finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Madankollu, f'għadd limitat ta' każijiet, l-istimi tal-kostijiet ma setgħux jiġu sostanzjati biżżejjed. B'mod ġenerali, dan jiġġustifika klassifikazzjoni ta' B skont il-kriterju ta' valutazzjoni tal-Artikolu 19(3), il-punt (i), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

- (22) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (23) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat tal-Greċja huwa ta' EUR 36 612 904 139. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP modifikat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Greċja, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkolata f'konformità mal-Artikolu 20(4) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP emendat tal-Greċja tkun uguali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP emendat tal-Greċja. Dan l-ammont huwa ta' EUR 18 220 378 076.

Self

- (24) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għall-Greċja li jammonta għal EUR 17 727 538 920 jibqa' l-istess.
- (25) Wara li qieset ir-raġunijiet imressqa mill-Greċja u t-talbiet għal appoġġ fil-forma ta' self ta' Stati Membri oħra u wara li applikat il-prinċipji ta' trattament uguali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza, il-Kummissjoni tqis li l-ammont tal-appoġġ fil-forma ta' self għall-Greċja jista' jaqbeż il-limitu ta' 6,8 % f'konformità mal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (26) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Greċja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti kif ukoll l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tas-self, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti għall-ġhoti ta' aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
